

Emenda 1

**Sophia in 't Veld, Nathalie Griesbeck, Cecilia Wikström, Maite Pagazaurtundúa Ruiz,
Angelika Mlinar**
fisem il-Grupp ALDE

Rapport

Laura Ferrara

dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti għas-snin 2014-2015
2015/2287(INI)

A8-0141/2016

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 27***Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

27. Jirrimarka li, waqt li t-trilogi huma importanti u effikaċi, il-proċeduri li huma attwalment applikabbi għalihom jagħtu lok għal tħassib rigward it-trasparenza fil-proċedura leġiżlattiva; jistieden lill-istituzzjonijiet involuti jiżguraw trasparenza akbar tat-trilogi informali biex tissaħħaħ id-demokrazija billi tippermetti liċ-ċittadini jiflu bir-reqqa l-informazzjoni relevanti li tkun iffurmat il-bażi ta' att leġiżlattiv, kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi magħquda Svezja u Turco vs Il-Kunsill, filwaqt li jkun żgurat spazju adegwaw ta' ħsieb għall-koleġiżlaturi; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE **biex** iżidu r-rapportar fil-kumitat parlamentari kompetenti dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negożjati tat-trilogi; iqis li, meta dokumenti jkunu maħluqa fil-qafas tat-trilogi, bħal pereżempju aġendi, sommarji tar-riżultati, minuti u approċċi ġenerali fil-Kunsill, jekk ikunu disponibbli, dawn id-dokumenti jkunu relatati ma' proċeduri leġiżlattivi u ma jistgħux, **bħala prinċipju**, jiġu ttrattati b'mod differenti minn dokumenti leġiżlattivi oħra; huwa tal-fehma li lista ta' laqgħat tat-trilogi u d-dokumenti msemmija hawn fuq għandhom ikunu direttament aċċessibbi fis-sit web tal-Parlament; ifakk li l-ftehim

Emenda

27. Jirrimarka li, waqt li t-trilogi huma importanti u effikaċi, il-proċeduri li huma attwalment applikabbi għalihom jagħtu lok għal tħassib rigward it-trasparenza fil-proċedura leġiżlattiva; jistieden lill-istituzzjonijiet involuti jiżguraw trasparenza akbar tat-trilogi informali biex tissaħħaħ id-demokrazija billi tippermetti liċ-ċittadini jiflu bir-reqqa l-informazzjoni relevanti li tkun iffurmat il-bażi ta' att leġiżlattiv, kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawżi magħquda Svezja u Turco vs Il-Kunsill, filwaqt li jkun żgurat spazju adegwaw ta' ħsieb għall-koleġiżlaturi; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE **jiżguraw aktar trasparenza tat-trilogi billi jżommu laqgħat fil-pubbliku**, iżidu r-rapportar fil-kumitat parlamentari kompetenti dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negożjati tat-trilogi; iqis li, meta dokumenti jkunu maħluqa fil-qafas tat-trilogi, bħal pereżempju aġendi, **dokumenti li isostnu n-negożjati fost l-istituzzjonijiet**, sommarji tar-riżultati, minuti u approċċi ġenerali fil-Kunsill, jekk ikunu disponibbli, dawn id-dokumenti jkunu relatati ma' proċeduri leġiżlattivi u ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti minn dokumenti leġiżlattivi oħra; huwa tal-fehma li lista ta' laqgħat tat-trilogi u d-dokumenti msemmija hawn fuq, **inkluż l-**

interistituzzjonal futur dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet jinkludi bażi ta' data dwar fajls leġiżlattivi u, jekk jiġi adottat, se jindirizza wkoll il-ġestjoni xierqa tat-trilogi;

hekk imsejjaħ dokument "b'erba' kolonni", aġġornati regolarment bi ftehimiet mhux definiti, għandhom ikunu direttament aċċessibbli fis-sit web tal-Parlament; ifakkar li l-ftehim interistituzzjonal futur dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet jinkludi bażi ta' data dwar fajls leġiżlattivi u, jekk jiġi adottat, se jindirizza wkoll il-ġestjoni xierqa tat-trilogi;

Or. en